C/2025/2808

21.5.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Mejju 2025

li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal Malta

(C/2025/2808)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2025 [2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mis-6 ta' Marzu 2025 sal-5 ta' Marzu 2028.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Catriona DEBATTISTA FRANCICA, sar vakanti post ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) Il-Gvern ta' Malta ppreżenta kandidata għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Josianne CUTAJAR hija maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Catriona DEBATTISTA FRANCICA għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-5 ta' Marzu 2028.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. DOMAŃSKI

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C, C/2025/1689, 13.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1689/oj).